# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI Nru. 2760

**Kaz Nru. 3326/HW**

**Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**
**bejn**
**Mario Farrugia**
**u**
**Awtorita Maltija dwar il-Loghob**
**(Dwar tkeccija mill-impjieg**
**allegata li hi ngusta).**

## Chairman: Is-Sur Harold Walls M.Sc., D.P.M., IPD(UK).

**Dan il-kaz gie referut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' dikjarazzjonijiet tar-rikorrenti Mario Farrugia li gie prezentat fir-registru tal-Qorti fit-30 ta' Dicembru, 2014. Matul is-smigh tal-Kaz, ir-rikorrent kien assistit mill-Avv. Andrew Grima u l-Awtorita kienet raprezentata mill-Avv. Ramona Frendo u mill-Avv. Veronique Dalli.**

**Fid-dikjarazzjoni tieghu r-rikorrenti jghid, li huwa kien impjegat bhala Gaming Inspector fuq bazi full-time u b'kuntratt indefenit mal-Awtorita b'sehh mit-12 ta' Gunju, 2011.**

**Fl'istqarrija tieghu huwa jghid ukoll, li fil-perjodu li ghamel jahdem fi hdan l-Awtorita huwa dejjem qeda l-funzjonijiet tieghu b'dedikazzjoni u professjonalita mehtiega minnhu u x-xoghol tieghu kien jikkonsisti fi spezzjonijiet f'postijiet licenzjati tal-loghob u kien igawdi rispett kbir da parti tal-kollegi tieghu.**

**Huwa jghid ukoll li fis-17 ta' Frar, 2014 huwa gie rikjest jattendi laqgha li fiha kien hemm prezenti David Borg, Heathcliff Farrugia, Sharlene Maronese u Samuel Gauci. Huwa jghid ukoll, li fil-bidu tal-laqgha s-Sur David Borg spjegalhu li l-Awtorita kellha certu nformazzjoni dwar allegat involviment li huwa kien involut f'kazijiet ta' truffa f'casinos barra minn Malta fis-snin disghin. Ir-rikorrenti jghid ukoll, li s-sur Borg qallu li kellu d-dritt li ma jirrispondix.**

**Fl'istqarrija tieghu r-rikorrenti jkompli jghid, li l-Awtorita ghaddiet kopja lilhu ta' tliet estratti minn artikoli li jinsabu online cioe (i) the CasinoNet (ii) Rgtonline u (iii) Maltastar.com, fejn jaghmlu referenza ghal individwu bl'isem ta' Maio Farrugia. Ir-rikorrenti jghid ukoll, li gie mitlub jivverifika jekk kienx hu l-istess Mario Farrugia li kien qed jissemma f'tali artikoli.**

**Ir-rikorrenti jkompli jghid, li peress li l-Awtorita kienet cara li huwa kellu kull dritt li ma jirrispondix, iddecieda li ma jwegiebx ghaliex huwa qatt ma kien ra l-artikoli u certament ma setghax jivverifika kienx huwa jew le. Huwa jghid ukoll, li ghalhekk uzufruwixxa minn dritt moghti lilu biex ma jirrispondix u konsegwentament wara gie akkuzat b'insubordinazzjoni u gie moghti att ta' akkuza datata 27 ta' Frar, 2014.**

**Huwa jghid ukoll, li fil-proceduri quddiem il-Bord ta' Dixxiplina l'Awtorita naqset milli tipprezenta dokumentazzjoni u/jew xhieda li setghu jikkorraboraw jekk di fatti l-persuna msemmija fl-artikolu kienx huwa jew le u strahet unikament fuq it-tliet estratti tal-artikoli msemmija.**

**Ir-rikorrenti jkompli jghid, li m'hemmx dubju li l-Awtorita ma rnexxielix tipprova li l-persuna msemmija fl'artiklu kienet hi.**

**Huwa jghalaq l'istqarrija tieghu fejn talab, lit-Tribunal Industrijali sabiex jerga jigi reintegrat fl-impieg tieghu u jekk ma' jkunx possibbli jigi moghti kumpens xieraq.**

**Ghas-socjeta ntimata da parti taghha qalet, li permezz tal-Artikolu numru 2 tal-Att Numru XLJ tal-2014 li gie ppublikat fil-Gazzetta tal-Gvern numru 19,359 tad-19 ta' Dicembru, 2014 l-isem tal-Awtorita gie**

**formalment mibdul ghal-Awtorita Maltija dwar il-Loghob u ghalhekk hemm lok li ssir il-korrezzjoni necessarji fl-atti.**

**L-Awtorita tghid ukoll, li r-rkorrent kien gie mpjegat mal-Awtorita bhala Gaming Inspector permezz ta' kuntratt definit iffirmat fis-27 ta' Mejju, 2011 liema kuntratt gie fis-sehh fit-13 ta' Gunju, 2011.**

**L-Awtorita tghid ukoll, li n-natura tal-impieg giet konvertita ghal wiehed ta' natura ndefinita permezz ta' ittra mibghuta mis-Segretarju Permanenti fi hdan il-Ministeru tal-Finanzi b'effett mit-28 ta' Frar, 2013.**

**Hija tghid ukoll, li principalment ix-xoghol tar-rikorrenti kien jirrikjedi li huwa jassigura konformita mal-Ligijiet kollha relatati mal-industrija tal-loghob, illi josserva l-operat tal-loghob u jassigura illi tali operat ikun kondott u mmanigjat kif suppost, kif ukoll jassigura li dawk il-kundizzjonijiet imposti fil-licenzji tal-Loghob mahruga mill-Awtorita qeghdin jigu aderiti u rispettati kompletament.**

**L-Awtorita tkompli tghid, li fl-ahhar xhur tas-sena 2013 kienu gew a konjizzjoni taghha artikli li dehru f'gazzetti varji kemm lokali kif ukoll internazzjonali, li certu Mario Farrugia ta' 42 sena min Malta kien**

**implikat f'kaz ta' truffa f'Casino esteru fl-1999 u dawn l-artikli kienu qed jigu esebiti.**

**L-Awtorita tghid ukoll, in vista tal-konnotazzjonijiet simili ghal dawk tar-rikorrenti l-Awtorita talbet lir-rikorrenti jiddikjara jekk Mario Farrugia msemmi fl-artikoli indikati kienx l-istess rikorrenti.**

**Fl-istqarrija taghha l-Awtorita tghid, li r-rikorrenti minn jeddu u sua sponte ghazel li ma jixhidx ghaliex iddikjara illi seta jinkrimina ruhu, u dan skond ma jirrizulta mid-dikjarazzjoni li huwa ghamel f'laqgha li sehhet fis-17 ta' Frar, 2014.**

**L-Awtorita tkompli tghid, li dan l-agir tar-rikorrenti jwassal ghall-inferenza li r-rikorrenti kien effettivament il-persuna msemmja fl-artikoli. L-Awtorita tghid ukoll, li peress li hu r-regolatur f'dan il-qasam il-pozizzjoni tar-rikorrent bhala mpjegat tal-istess Awtorita ma kienitx aktar tenibbli ghaliex assolutament ma jistax ikun hemm cirkostanza fejn persuna b'kondotta kriminali fil-qasam proprju ta' truffa fil-loghob, ikun jahdem bhala spettur fi hdan l-istess Awtorita regolatur.**

**L-Awtorita tghid ukoll, li l-kwistjoni giet riferuta mir-rikorrenti lid-Direttur tax-Xoghol, u wara li f'laqgha li nzammet fil-25 ta' April, 2014**

**baqa ma ntlahaqx kompromess anke wara tali medjazzjoni, il-kaz gie riferut ghal Bord ta' Dixxiplina ai termini tal-Ftehim Kollettiv bejn l-Awtorita u l-Union Haddiema Maghqudin.**

**Fl'istqarrija taghha l-Awtorita tkompli tghid, li l-Bord tad-Dixxiplina kkonkluda li r-rikorrenti ma kellux dritt li ma jirrispondix ghall-mistoqsija maghmula mill-Awtorita fis-17 ta' Frar, 2014 u tali nuqqas ta' koperazzjoni man-naha tieghu jitqies bhala insubordinazzjoni u ghaldaqstant, l-ilmenti li kienu saru fil-konfront tieghu permezz ta' ittra datata 27 ta' Frar, 2014 huma gustifikati u jirrizultaw.**

**L-Awtorita tghid ukoll, li l-Bord tad-Dixxiplina rrakomanda li l-passi dixxiplinarji mposta f'dan ir-rigward ikunu passi alternattivi ghal tkeccija, izda rrileva li l-Awtorita kellha tiehu wkoll inkonsiderazzjoni l-performance tar-rikorrenti kemm kien ilu mpjegat mal-Awtorita – fatti li l-Bord ma dahalx fihom.**

**L-Awtorita tkompli tghid, li nsegwitu l-impieg tar-rikorrenti minn mal-Awtorita gie terminat permezz ta' ittra datata 26 ta' Settembru, 2014. Dan ghaliex kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' dan il-kaz, mill-file tieghu rrizulta li oltre ghall-kaz ta' insubordinazzjoni konfermat mill-Bord tad-Dixxiplina kien hemm numru ta' nuqqasijiet serji kommessi mill-istess rikorrenti fil-kors tal-qadi ta' dmirijiethu liema nuqqasijiet kienu**

**jammontaw ghal negligenza grossa u mgieba nkompatibbli u li tmur kuntrarju ghall-funzjonijiet illi r-rikorrenti kien tenut li jaqdi fil-kors tal-impieg tieghu.**

**L-Awtorita tghid ukoll, li r-rikorrenti appella min din id-decizjoni permezz ta' ittra datata 30 ta' Settembru, 2014 ai termini tal-Ftehim Kollettiv izda l-Bord tal-Appell fi hdan l-Awtorita msejjah EXCO cahad l-appell u ghalhekk l-impieg tieghu gie definittivament terminat permezz ta' ittra datata 22 ta' Ottubru, 2014. L-Awtorita tkompli tghid, li f'dawn ic-cirkostanzi jiggustifikaw it-terminazzjoni mmedjata tal-impjieg tar-rikorrenti skond il-ligi.**

**Mill-provi jirrizulta li skond l-istqarrija tal-kaz ta' l-Awtorita l'isem ta' l-Awtorita gie formalment mibdul ghall-Awtorita Maltija dwar il-Loghob. Invista ta' din id-dikjarazzjoni t-Tribunal Industrijali jiddeciedi li jinbidel l-Occhio tal-kaz u jigi jaqra Fil-Kwistjoni tax-Xoghol bejn Mario Farrugia u Awtorita Maltija dwar il-Loghob (Dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta).**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li r-rikorrenti kien impjegat ma l-Awtorita permezz ta' kuntratt tax-xoghol datat 27 ta' Mejju, 2011 fil-grad ta' Gaming Inspector u l-impieg tieghu gie tterminat fit-22 ta' Ottubru, 2014.**

**Mill-provi jirrizulta skond ix-xhieda ta' l-Avv. Ramona Frendo tas-seduta ta' 14 ta' Mejju, 2015 tghid li kienet giet assenjata tghamel xoghol ghal-Awtorita dwar "Audit from a Human Resources point of view". Hija tghid ukoll li "gew f'idejjha dokumenti dwar il-pubblikazzjoni ta' artikli msemmija u l-informazzjoni kienet li certu Maltese National Mario Farrugia kien instab hati ta' International Fraud pero l-kaz kien antik hafna".**

**Fix-xhieda taghha hija tghid ukoll, li ddiskutitt din l-informazzjoni mac-Chairman Joseph Cuschieri u ma David Borg. Hija tkompli tghid, "li verament Mario Farrugia mhux xi isem partikolari u eventwalment saret taf li f'Malta hawn mija u tlieta u sittin (163) Mario Farrugia."**

**Fix-xhieda taghha hija tkompli tghid, li ppruvat iggib informazzjoni biex b'xi modd tikkonferma jew tichad illi Mario Farrugia li kien impjegat mal-Awtorita kien l-istess Mario Farrugia li jissemma f'dawn ir-rapporti u kitbiet u ghamlet kuntatt mal-Kummissarju tal-Puluzija u wkoll mal-Kap tas-Secret Service Malta imma baqghet bla risposta.**

**Ix-xhud tghid ukoll, li biex tigi zblukkata s-sitwazzjoni kien gie deciz illi kellha tissejjah laqgha mas-sur Farrugia u jigi mistoqsi jekk kienx dan l-individwu jew le.**

**Quddiem it-Tribunal Industrijali xehed David Borg li jokkupa l-kariga ta' Konsulent ma' l-Awtorita fejn fis-seduta ta' 17 ta' Marzu, 2015 jghid li kien gie msejjah mic-Chairman is-Sur Joseph Cuschieri fejn urieh tliet artikli; wahda minn gazzetta Maltija u tnejn minn websites barranin. Huwa jghid ukoll, li l-artikli jirrakkontaw kaz ta' cirku ta International Cheaters fejn kien hemm l-isem ta' Mario Farrugia u ic-Chairman talbu biex jivverifika jekk kienx l-istess Mario Farrgia ir-rikorrent.**

**Huwa jkompli jghid, li wara ltaqgha mar-rikorrent u mieghu kien hemm is-Sur Heathcliffe li dak iz-zmien kien HR Manager, kien hemm ukoll Charlene Maronese li dak iz zmien kienet Chief Inspector fid-Dipartiment u kien hemm Dr Samuel Gauci li hu wiehed mill Avukati tal-LGA.**

**David Borg ikompli jghid, li fil-laqgha ghamilha cara mas-sur Farrugia li se jistaqsih certu mistoqsijiet u mhux obbligat li jirrispondi. Ix-xhud jghid ukoll, li ghamila cara li dan ma kienx meeting jew laqgha biex hu jigi akkuzat b'xi haga imma, semplicement biex jivverifika dak li l-Awtorita kellha f'idejha u  wrieh it-tlett dokumenti.**

**Ix-xhud jghid ukoll, li qal lir-rikorrenti li f'dawn id-dokumenti hemm l-isem ta' Mario Farrugia u staqsih jekk jistax jikkonfermalhu jekk kienx hu jew le. Huwa jghid ukoll, li r-risposta tas-Sur Farrugia kienet "la se**

**nghid iva u lanqas le ghax nistgha ninkrimina ruhi". Ix-xhud ikompli jghid, li nvista ta' dan ir-rikorrent kien gie sospendut skond il-Ftehim Kollettiv sabiex l-Awtorita tkompli ghaddejja bl'investigazzjoni taghha.**

**Wara l-izvillup tal-laqgha li saret mar-rikorrenti l-Avv. Ramona Frendo fis-seduta 14 ta' Mejju, 2015 tispjega, "li meta tigi rinfaccata b'domanda dwar inti tistgha tghidli jekk dan intix int dan ic-cheat fil-casinos u tirrispondi ma rridtx nwiegeb ghax nistgha ninkrimina ruhi hija twegiba li kienet ta' preokkupazzjoni". Hija tghid ukoll, "li kieku xi hadd saqsa lili li jinzerta jisimni Mario Farrugia dik id-domanda kont zgur niddikkjara li mhux jien ghax naf illi mhux jien".**

**L-Avv. Frendo fix-xhieda taghha tkompli tghid, li meta giet rinfaccjata b'dawk il-minuti li kieku s-sur Mario Farrugia ma kellux il-faham miblul ma kien jiddejjaq xejn li jghid mhux hu u n-nuqqas ta' twegiba tieghu kienet sahhet il-preokupazzjoni li kien hemm f'mohh l-employer.**

**Fix-xhieda taghha hija tghid ukoll " li minhabba f'dik ic-cirkostanza kien gie deciz illi hemm lok ghal passi dixxiplinarji u saret ukoll laqgha ghand id-Direttur tax-Xoghol li dak iz-zmien kien Dr Noel Vella". Hija tkompli tghid li f'din il-laqgha repetutament indirzzat lis-sur Farrugia u qaltlu "Ghidli li mhux inti u jkolli nibla kliemi. U s-sur Farrugia baqa qatt ma wegibini".**

**Mill-provi jirrizulta li wara l-laqgha ghand id-Direttur tax-Xoghol ir-rikorrenti gie notifikat permezz ta' ittra datata 27 ta' Frar, 2014 li kien se jigi pprocessat minn Bord ta' Dixxiplina u n-notifika kienet tghid :-**

**The Lotteries and Gaming Authority (hereinafter the Authority) is hereby notifying you that a Disciplinary Panel has been appointed as per the provisions of the Collective Agreement between the Authority and the Union Haddiema Maghqudin (2013-2016) to hear and decide your case on the following charge.**

**Refusing to give any explanation to the Authority regarding apparent involvement in an International casino cheats scheme as reported in various news articles presented to you in the course of a meeting held on the 17 of February, 2014 which renders you unfit for employment within the Authority itself.**

**Insegwitu tac-charge li harget l-Awtorita fil-konfront tar-rikorrenti gie mwaqqaf il-Bord tad-Dixxiplina skond it-termini tal-Ftehim Kollettiv liema laqgha saret fl'24 ta' Settembru, 2014 u f'din il-laqgha ir-rikorrnti kien assistit mill-ufficjali tal-Union u kellu wkoll l-assistenza legali.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li minkejja r-rikorrenti kien assistit mill-ufficjali tal-Union kif ukoll minn assistenza legali huwa ghazel xorta wahda li ma jixhiedx.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li l-Bord ta' Dixxiplina wasal ghal din il-konkluzjoni li "Mario Farrugia ma kellux id-dritt li ma jirrispondix ghall-mistoqsijiet maghmula lilu mill-Awtorita fis-17 ta'Frar, 2014 tali nuqqas ta' koperazzjoni minn naha tieghu titqies bhala insubordinazzjoni .**

**Illi ghaldaqstant fic-cirkostanzi dan il-Bord m'ghandux alternattiva li jikkonkludi li l-ilmenti li saru fil-konfront ta' Mario Farrugia permess ta' ittra datata 27 ta' Frar, 2014 huma gustifikati u jirrizultaw.**

**Illi madanakollu l-Bord ihossu fid-dmir li jikkumenta wkoll, illi li dak li Mario Farrugia gie mitlub jirrispondi huwa allegazzjoni li sehhet fl-1999 cioe hmistax il-sena ilu. Apparti minhekk lanqas ma jirrizulta b'certezza morali, mill-informazzjoni li ghandha l-Awtorita li effettivament kien hu l-Mario Farrugia imsemmi fl-artiklu inkwistjoni. Tanut kont dan kollu il-Bord ihoss li huwa fid-dmir illi jirrakomanda li l-passi dixxiplinari impost ikunu passi ohra alternattivi ghal tkeccija, wara li jittiehed ukoll in konsiderazzjoni l-performance ta' Mario Farrugia kemm ilu impjegat ma l-Awtorita – fatti li dan il-Bord ma dahalx u ma kellux ghalfejn jidhol fihom".**

**Mill-provi jirrizulta li wara d-decizjoni tal-Bord tad-Dixxiplina l-impieg tar-rikorrenti gie terminat permezz ta' ittra datata 26 ta' Settembru, 2014 li kienet tghid :-**

**Nikteb referibilment ghad-decizjoni moghtija mill-Bord ta' Dixxiplina datata 24 ta' Settembru, 2014 li kopja taghha gia giet komunikata lilek mill-Bord u qieghda terga tigi hawn annessa.**

**Permezz ta' dik id-decizjoni, gie determinat illi r-rifjut tieghek illi tikkonferma jew tinnega l-informazzjoni li kellha l-Awtorita illi timplikak f'kaz ta' truffa f'Casino esteru, kien jikkostitwixxi insubordinazzjoni.**

**Bhal ma gie ripetutament spjegat lilek anke fil-prezenza tar-rapprezentanti trejdunjonistici u legali tieghek, kif ukoll quddiem il-Bord ta' Dixxiplina nnifsu u fil-prezenza tad-Direttur tax-Xoghol, hemm provi cirkostanzjali qawwija illi ma jhallu ebda dubju illi effettivament inti kont hati ta' l-imsemmi agir kriminali fl-Awstralja, u bhala tali inti m'intix addattat sabiex tibqa zzomm l-impieg tieghek fi hdan l-Awtorita illi hija ir-regolatur f'dan il-qasam.**

**L-Awtorita hadet ukoll konjizzjoni ta' dak illi jirrizulta mill-file personali tieghek fir-rigward tal-qaghdi ta' dmirijitiek fi hdan l-istess Awtorita, u in vista ta' incidenti varji, anke ricenti, ma hemm ebda dubju illi effetttivament l-Awtorita ma tistax tiggustifika z-zamma tieghek**

**Fid-dawl tal-premess, l-Awtorita ma ghandha ebda alternattiva ghajr illi tittermina l-impieg tieghek ghal ragunijiet gustifikati u dan b'effett immedjat.**

**Dwar ir-ragunijiet tat-terminazzjoni tal-impieg tar-rikorrenti l-Avv. Ramona Frendo fix-xhieda taghha tas-seduta 14 ta' Mejju, 2015 tghid "li anke jekk m'hemmx ic-certezza morali pero jien ghalija bhala konsulent legali tal-Awtorita il-kaz kompla ssahhah propju mir-rifjut tas-Sur Farrugia li jixhed f'dawk il-proceduri ta' dixxiplina u l-Awtorita ma seghtatx tibqa zzommu mpjegat taghha".**

**L-Avv. Frendo tghid ukoll, "li mill-file anke nispjega ghaliex r-rakkomandazzjoni tal-Bord tad-Dixxiplina ttiehdet id-decizjoni illi jigi terminat l-impieg tas-Sur Farrugia ghaliex jirrizulta li fis-19 ta' Gunju, 2012 kien gie moghti written warning for gross negligence li gie ffirmat minn Dr. Josph F. Borg".**

**Rigward il-warning xehed l-Avv. Joseph Borg fis-seduta ta 23 ta' Gunju, 2015 fejn jghid "li konna hrignielhu warning fit-2012. Kelllna complaint minghand il Licensee tal- kaxxi tal-loghob ta' dawn il-hwienet fejn kien qalilna illi Mario Farrugia dahal fil-hanut tieghu, kien ovvjament fir-rwol tieghu bhala inspector jigifieri. Bazikament mill-informazzjoni li gbarna li Mario Farrugia bazikament qallu fuq xi post ta' licensee iehor u qallu ma tantx qed ikollu nies". Ix-xhud jghid ukoll, "li bazikament dahal ilment minghand operator iehor li dan Mario Farrugia qed itawwal ilsienu ghax qed jikxef affarijiet ta operator iehor".**

**Kaz iehor li jissemma kien fix-xhieda ta' Borg tas-seduta tas-17 ta' Mejju, 2015 fejn jghid "kont nghamel laqghat regolari mal-owners tal-Casinos u mill-Casino Dragonara gejt infurmat li hemm kaz ta' wiehed mill-Inspectors taghkom li dejjaqna". Huwa jghid ukoll li gie muri footage fejn ir-rikorrent hareg ghal gol-Casino u l-bieb flok ghalqu qabad il-mobile tieghu u poggih qisu wedge. Dwar dan il-kaz l-Awtorita pprezentat Dossier li kien gie mghoti lilha mid-Dragonara Casino fejn jghid "This dossier in our opinion highlights an alarming behavioural pattern by part of Mr Mario Farrugia".**

**Mill-provi li ezamina t-Tribunal Industrijali dwar dan il-kaz jirrizulta, li meta gie avvicnat ir-rikorrent huwa wiegeb li kien se jaqalu l-mobile. Mill-provi quddiem it-Tribunal Industrijali ma jirrizultax li l-Awtorita hadet xi passi dixxiplinarji fil-konfront tar-rikorrent.**

**Quddiem it-Tribunal Industrijali xehed ir-rikorrenti u fis-seduta tat-23 ta' Gunju, 2015 jghid li kien jahdem barra minn Malta bejn 1994 u 2000. Hu jghid ukoll li kien jahdem fit-time sharing u prattikament hadem il-kontinenti kollha u qatt ma kellu problemi mal-puluzija ghajr ghal xi citazzjoni.**

**Fix-xhieda tieghu huwa jghid ukoll, li l-esperjenza tieghu mill-gaming kienet ghax ha interess personali fir-regoli tal-loghob sabiex meta jmur**

**il-casino u jghaddi ftit hin fil-loghob ikun jaf x'inhu jilghab, altrimenti qatt ma kellu problemi tal-gaming.**

**Ir-rikorrenti jghid ukoll, li mar darba l-Awstralja fin-1999 biex jara z-ziju tal-mara u hemm dam biss 10 t'ijiem u kemm dam l-Awstralja ma mar l-ebda Casino.**

**Fix-xhieda tieghu ta' l-10 ta' Ottubru, 2020 huwa jghid ukoll, li meta kien dahal ghax-xoghol u qalulhu li riedu jkellmuh u wrweh xi dokumenti hu qallhom "La ha nichad u lanqas nikkonferma ghax jien ma rridx nghid xi haga li ninkrimina ruhi ghax jiena dak il-hin hassejtni mhedded" Huwa jghid ukoll, li dak il-hin meta kellmuh u kien hemm prezenti dawk in-nies kollha tal-management, hu kien wahdu.**

**Quddiem it-Tribunal Industrijali fix-xhieda tieghu r-rikorrent jghid ukoll, li dak Mario Farrugia li hu msemmi f'dawk l-artikli ma kienx hu.**

**Matul ix-xhieda tar-rikorrenti ta' 23 ta' Gunju, 2015 gie mistoqsi mill-Avv. Veronique Dalli dwar membership li kellu ta' l-Oracle Casino li jinsab Malta.**

**Mill-provi jirrizulta, li l-membership fl'Oracle Casino kienet qabel ma r-rikorrenti kien gie mpjegat ma' l-Awtorita u f'dan il-membership hemm ritratt li r-rikorrenti jghid li dik il-persuna li hemm fir-ritratt hija tieghu.**

**Ir-rikorrenti meta gie mistoqsi mill-Avv. Dalli jekk dik il-membership kienitx ghada valida, huwa jghid li llum ma jafx jekk kienitx valida pero meta kien imur f'dak il-casino, il-membership kienet valida u kien ilu ma jmur ghal ragunijiet personali.**

**Mill-provi li dehru quddiem it-Tribunal Industrijali jirrizulta, li fuq il-membership tal-Casino Oracale hemm miktub li r-rikorrenti huwa barred, jigifieri ma jistax jidhol f'dan il-Casino mill-19/12/2008 sal 31/12/2100 jigifieri ghal perjodu ta' 85 sena. Min naha tar-rikorrenti fix-xhieda tieghu jghid, li ma kienx jaf ghal liema raguni huwa gie barred u din kienet news ghalih.**

**It-Tribunal Industrijali jibda biex jikkunsidra diversi aspetti dwar dan il-kaz inkwestjoni u l-ewwel aspett li jikkunsidra huwa jekk ir-rikorrenti kellux id-dritt li jirrispondi ghall mistoqsijiet li ghamlet l-Awtorita biex tistabilixxi jekk huwa kienx l-istess Mario Farrugia li kien qed jigi msemmi fl'artikoli.**

**Meta t-Tribunal Industrijali jikkunsidra dan l-aspett huwa tal-fhema, li l-Awtorita fl'investigazzjoni nizjali kull ma staqsiet lir-rikorrenti jekk il-persuna msemmija fl'artikli kienx hu, li hi mistoqsija semplici u valida.**

**F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jikkunsidra li f'dak l-istadju l-Awtorita ma kienitx inizjalat proceduri dixxplinarji fil-konfront tar-rikorrenti imma kienet ghada fil-process ta' investigazzjoni preliminarji u ghaldaqstant il-koperazzjoni tar-rikorrenti kienet necessarja biex jigu stabiliti l-fatti.**

**Invista ta' dak li qed jigi msemmi hawn fuq it-Tribunal Industrijali huwa tal-fhema, li n-nuqqas ta' koperazzjoni minn naha tar-rikorrenti kien jimmerita li jittiehdu passi dixxiplinarji fil-konfront tieghu u fuq kollox dan kien fl'interess tieghu li jwiegeb ghal mistoqsija daqstant semplici u jnehhi shaba sewda li kienet qed tingema fuqu.**

**F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, li mhux talli r-rikorrent ma kkonfermax jew cahad li dik il-persuna ma kienx hu imma bit-twegieba tieghu "la ha nichad u lanqas nikkonferma ghax jien ma rridx nghid xi haga li ninkrimina ruhi" kienet risposta li thalli hafna dubji jekk dak li kien hemm fl'artikli kienx ir-rikorrenti.**

**F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll dak li jghid ir-rikorrent li ma cahadx u lanqas ikkonferma jekk il-persuna msemmija kienx hu ghax hassu skomdu li kien qed jidher quddiem erba minn nies tal-management u hu kien wahdu.**

**Meta t-Tribunal Industrijali janalizza din l-ispjegazzjoni tar-rikorrenti jista jghatih il-beneficcju tad-dubju li f'dak l-istadju ta' l-investigazzjoni r-rikorrenti hassu skomdu li jwiegeb ghax kien wahdu pero ma giet mghotija l-ebda spjegazzjoni mir-rikorrenti ghal liema raguni huwa lanqas ma wegieb meta deher quddiem id-Direttur tax-Xoghol, quddiem il-Bord ta' Dixxiplina u quddiem il-Bord ta' l-Appelli meta f'din il-fora kellu l-assistenza ta' l-ufficjali tal-union u anke l-assistenza legali.**

**Invista tal-mod kif agixxa u rrisponda r-rikorrenti, it-Tribunal Industrijali jifhem li din kienet ta' preokkupazzjoni ghal Awtorita meta kull ma ried jghamel ir-rikorrent kien li sempliciment jirrispondi li dak li hemm fl'artikli ma kienx hu u jnehhi d-dell ikrah li beda jingema fuqu.**

**F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, li ghalkemm jifhem il-preokupazzjoni tal-management ta' l-Awtorita li r-rikorrent naqas milli jirrispondi, pero b'danakollu t-Tribunal Industrijali lanqas jaqbel mal-management li fl-ittra tat-terminazzjoni ta' l-impieg datata 26 ta' Settembu, 2014 jghid "hemm provi cirkostanzjali qawwija**

**illi ma jhalli ebda dubju illi effettivament inti kont hati ta' l-imsemmi agir kriminali fl'Awstralja"**

**Ir-ragani li t-Tribunal Industrijali ma jaqbilx ma din il-konluzjoni tal-management ta' l-Awtorita ghar-raguni, li lanqas il-Bord ta' Dixxiplina li kien gie nkarigat biex jiddisponi mill-kaz tar-rikorrent u hu kellu l-awtorita li jiddiciedi ma wasal ghal din il-konkluzjoni. Infatti l-Bord ta' Dixxiplina kkonkluda u jghid "lanqas ma jirrizulta b'certezza morali, mill-informazzjoni li ghandha l-Awtorita li effetttivament kien hu Mario Farrugia msemmi fl-artikoli nkwistjoni".**

**F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll dak li jirrizulta mill-provi fejn jidher, li aktar tard l-Awtorita rrizultala li r-rikorrent kien "barred" li jfisser li hu kien impedut milli jidhol fil-Casino Oracle.**

**Minn kif jidher mill-provi, l-Awtorita rrizultala dan wara li r-rikorrent spicca mill-impieg ghaliex altrimenti kieku dan irrizultala waqt li kien fl-impieg kienet tinkludi dan il-kaz fil-proceduri ta' dixxiplina.**

**Ghalkemm it-Tribunal Industrijali jinnota dan il-kaz, ghax wara kollox l-Awtorita ma jistax ikollha spettur li x-xoghol tieghu huwa li jissorvelja u jispezzjoni l-loghob li jkun qed isir skond ir-regolamenti u l-ligi u fl-istess waqt dan l-impjegat ikun impedut li jidhol f'wiehed mill-Casino's ewlenin f'Malta b'danakollu, it-Tribunal Industrijali ma jistax jiehu nkonsiderazzjoni dan il-kaz fid-decizjoni tieghu ghar-raguni, li dan il-kaz ma kienx parti mill-proceduri ta' dixxiplina li kienet inizjalat l-Awtorita fil-konfront tar-rikorrenti.**

**It-Tribunal Industrijali huwa tal-fhema, li l-kompitu tieghu f'din il-Kwistjoni tax-Xoghol huwa li qed jezamina jekk id-decizjoni li ha il-Bord ta' dixxiplina u d-decizjoni finali tal-Awtorita hadux decizjoni gusta skond l-informazzjoni li kellhom fil-mument li hadu d-decizjoni.**

**Ghaldaqstant, peress li l-kaz dwar li r-rikorrent kien barred mill-Casino Oracle ma kienx parti mill-proceduri ta' dixxiplina, dan il-kaz ma jistax jittiehed inkonsiderazzjoni mit-Tribunal Industrijali fid-decizjoni tieghu.**

**F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jikkunsidra d-decizjoni tal-Bord ta' dixxiplina fejn jghid "illli jirrakkomanda li l-passi**

**dixxiplinarji impost jkunu passi ohra alternatti ghal tkeccija, wara li jittiehed ukoll inkonsiderazzjoni l-performance ta' Mario Farrugia kemm ilu impjegat ma' l-Awtorita"**

**It-Tribunal Industrijali meta jezamina dan l-aspett jirrizultalu li r-rikorrent kellu kaz wiehed ta' dixxiplina li kien datata 19 ta' Gunju, 2012 u wara dan il-kaz ghalkemm l-Awtorita ssemmi kazijiet ohra pero qatt ma gew mehuda passi dixxiplinarji jew ingibdet l-attenzjoni tar-rikorrent.**

**Ghaldaqstant, meta t-Tribunal Industrijali jezamina r-rekord ta' dixxiplina tar-rikorrent jirrizultalu li r-rikorrenti kellu kaz wiehed ta' dixxiplina u meta jezamina dan il-kaz ta' dixxiplina t-Tribunal Industrijali jirizultalu li r-rikorrenti kien ghadu fil-bidu tal-karriera tieghu kif ukoll li t-twissija li gie mghoti ma kienitx twissija finali.**

**Invista ta' dak li qed jigi msemmi hawn fuq, dan it-Tribunal Industrijali ma jistax jaqbel mal-management ta' l-Awtorita meta fl-ittra tat-terminazzjoni ta' l-impieg datata 26 ta' Settembru, 2014 jghid "L-Awtorita hadet ukoll konjizzjoni ta' dak illi jirrizulta mill-file personali**

**tieghek fir-rigward tal-qaghdi ta' dmirijitiek fi hdan l-istess Awtorita, u nvista ta' incidneti varji, anke ricenti, ma hemm ebda dubju illi effettivament l-Awtorita ma tistax tiggustifika z-zamma tieghek"**

**Rigward dan l-aspett it-Tribunal Industrijali hu tal-fhema, li peress li l-management ta' l-Awtortia ma inizjalax il-process dixxiplinarju f'dawn il-kazijiet sabiex ir-rikorrenti jkollu l-opportunita li b'modd xieraq jiddefendi l-kazijiet li qed jirreferi ghalihom il-management, dawn il-kazijiet ma jistghux jigu mehuda inkonsiderazzjoni fid-decizjoni tat-Tribunal Industrijali.**

**Meta t-Tribunal Industrijali jikkunsidra c-cirkostanzi kollha ta' dan il-kaz jifhem il-preokupazzjoni ta' l-Awtorita pero, dan it-Tribunal Industrijali huwa tal-fhema li kien ikun aktar gust li l-Awtorita kienet tiehu nkonsiderazzjoni s-suggeriment tal-Bord ta' Dixxiplina li jigu mehuda passi alternattivi min dik ta' terminazzjoni ta' impieg u li ma tkunx hi li tittermina r-relazzjoni ta' l-impieg bejna u r-rikorrent.**

**It-Tribunal Industrijali huwa tal-fhema, li l-Awtorita setghet tikkunsidra aktar fil-fond is-suggeriment tal-Bord ta' Dixxiplina li fid-decizjoni tieghu ddecieda li minflok jigi terminat l-impieg tar-rikorrent ikun hemm alternattivi ohra.**

**It-Tribunal Industrijali huwa tal-fhema, li l-alternattivi ohra li setghaw jigu kkunsidrati huma li jew r-rikorrent jigi trasferit u jigi assenjat xoghol iehor fi hdan l-Awtorita, pero t-Tribunal Industrijali jifhem ukoll l-preokupazzjoni ta' l-Awtortia li jkollha mpjegat li ma ghamilx hiltu biex inehhi certu dell minn fuqu, izda jekk dan kien il-kaz l-Awtorita setghet tipprova tasal f'kompromess li r-relazzjoni tax-xoghol ta' bejniethom tigi terminata ghas-sodisfazzjoni taz-zewg partijiet.**

**Wara li t-Tribunal Industrijali ra u kkunsidra li statements of case tal-partijiet, semgha u evalwa l-evidenza tax-xhieda prodotti, ra u kkunsidra d-dokumenti esebiti u pprezentati, ra u kkunsidra s-sottomissjonijiet finali u dawk addizjonali tal-partijiet, jikkunsidra wkoll ic-cirkostanzi kollha tal-kaz kif gie spjegat f'dawn il-kunsiderazzjonijiet imsemmija hawn fuq jasal ghal konkluzjoni u jiddeciedi li jkun fl'interess tal-partijiet li tintemm ir-relazzjoni tax-xoghol bejn ir-rikorrenti u l-Awtorita.**

**It-Tribunal Industrijali jiddeciedi wkoll, li r-rikorrent jigi moghti kumpens ta' €10,000 (ghaxart t'elef ewro) u li dan ghandu jithallas minghand l-Awtorita fi zmien hmistax il-gurnata mid-data ta' din id-decizjoni.**

**Minhabba differimenti mill-partijiet, nuqqas ta' facilitajiet u s-sitwazzjoni tal-COVID 19 ma kienx possibbli li dan il-kaz jigi deciz fi zmien stabbilit mill-ligi.**

**Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali 48 ta' 1986, jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl'ammont ta' €94 (erbgha u disghajn ewro).**

**B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.**

**Iffirmat : Harold Walls**

**Chairman**

**Vera kopja**

**Mary Rose Galea**

**A/Segretarja**

**Illum : 23 ta' Settembru, 2021**